ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

***(Laqgħa B'Urġenza)***

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 39/2022/09

**Data tal-laqgħa:** 19 ta' Jannar, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fl-22:10hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

39.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 39.2 Approvazzjoni tal-*Unaudited Financial Statements* għas-sena 2021

39.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li Accountant & Management Team Ltd., l-*Accountants* tal-Kunsill, kienu ppreparaw il-*Financial Statements* għas-sena li għalqet f'Diċembru 2021.

39.2.2 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħti spjegazzjoni ta' dawn il-*financial statements* lill-Kunsilliera preżenti biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop.

39.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dwar il-*financial statements* għas-sena finanzjarja li għalqet f'Diċembru 2021. Hi qalet li din is-sena kienet għalqet b'surplus għas-sena ta' €15,907. Apparti hekk il-*financial situation indicator* tal-Kunsill għalaq b'persentaġġ tajjeb, liema persentaġġ jilħaq id-29%.

39.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħadmet mill-qrib mal-*accountant* biex tara li l-Kunsill ikun konformi ma' dak kollu mitlub mil-liġi.

39.2.5 Wara diskussjoni dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill, ġie deċiż li dawn il-*Financial Statements* jiġu approvati.

39.2.6 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-*Financial Statements* għas-sena li għalqet f'Diċembru 2021 jiġu approvati, kif ppreparati mill-*accountant* tal-Kunsill, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

39.2.7 Għaldaqstant dawn il-*Financial Statements* għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv preżenti, biex jgħaddu għand in-National Audit Office, l-Awdituri tal-Kunsill u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 39.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

39.3.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

39.3.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir kif kienet aġġornata f'laqgħa numru 38 jiġifieri nhar il-Ħamis, 24 ta' Frar, 2022 fl-16:30hrs.

39.3.3 Il-laqgħa ntemmet fl-22:30hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 24 ta' Frar, 2022

**Mozzjoni Ref:** 213/22/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Kunsill japprova l-*Unaudited Financial Statements*, għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2021.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Jannar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**